

32004H0074

L 16/60

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.1.2004

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Jannar 2004

dwar il-programm ko-ordinat ta' monitoraġġ tal-Komunità għas-sena 2004 biex jiżgura l-konformità ma' l-ogħla livelli ta' residwi ta' pestiċidi fil-jew fuq iċ-ċereali u ċerti prodotti oħra li ġejjin mill-pjanti

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 5400)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/74/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1986 fuq it-twaqqif ta' l-ogħla livelli għar-residwi ta' pestiċidi fil-jew fuq iċ-ċereali<sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/113/KE<sup>(2)</sup>, u l-aktar l-Artikolu 7(2)(b) tiegħua,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 fuq it-twaqqif ta' l-ogħla livelli għar-residwi ta' pestiċidi fil-jew fuq ċerti prodotti li ġejjin mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħaxix<sup>(3)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2003/113/KE, u l-aktar l-Artikolu 4(2)(b) tiegħua,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni għandha taħdem gradatament lejn sistema li tkun tippermetti l-valutazzjoni tat-turija tal-kwalità ta' l-ikel għall-pestiċida attwali. Biex isiru valutazzjonijiet realistiċi, it-tagħrif fuq l-immonitorjar tar-residwi ta' pestiċidi għandu jkun disponibbli f'numru ta' prodotti ta' l-ikel li jkunu jiffirmaw parti ewlenija mid-dieta Ewropea. Ġeneralment huwa magħruf li l-aktar karatteristiċi importanti fid-dieta Ewropea huma magħmula minn 20 sa 30 prodott ta' l-ikel. Minħabba r-riżorsi disponibbli, fuq livell nazzjonali, għall-immonitorjar tar-residwi ta' pestiċidi, l-Istati Membri jistgħu janalizzaw biss kampjuni ta' tmien prodott kull sena fi ħdan il-programm ikkoordinat ta' mmonitorjar. L-użu juri li f'perjodu ta' tliet snin sar ħafna tibdil. Kull pestiċida għandha, għalhekk, tkun immonitorjata f'20 sa 30 prodott ta' l-ikel f'serje ta' ċikli ta' tliet snin.

(2) Ir-residwi tal-pestiċidi kollha li huma koperti b'din ir-Rakkomandazzjoni għandhom ikunu mmonitorjati fl-2004, minħabba li din se tkun tippermetti l-użu ta' dan it-tagħrif għall-valutazzjoni tat-turija attwali tal-kwalità ta' l-ikel għal dawn.

Huwa meħtieġ li jittieħed approċċ statistiku sistematiku għal numru ta' kampjuni f'kull eżerċizzju kkoordinat ta' mmonitorjar. Dan l-approċċ kien ġie stabbilit mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius<sup>(4)</sup>. Waqt li jkun

imsejjes fuq firxa ta' probabbiltà binomjali, ikun jista' jiġi kkalkulat li eżami ta' 613-il kampjun jistgħu jwasslu biex ikun hemm kunfidenza ta' aktar minn 99 % biex jinstab kampjun wieħed li jkollu residwu ta' pestiċidi 'l fuq mill-limitu tad-determinazzjoni (LD), fejn inqas minn 1 % tal-prodotti li ġejjin mill-pjanti jkun fihom residwi 'l fuq mill-LD. Il-ġabra ta' dawn il-kampjuni għandha tkun imqasma bejn l-Istati Membri fuq il-bażi tal-popolazzjoni u n-numru ta' konsumaturi, b'minimu ta' 12-il kampjun għal kull prodott u kull sena.

(3) Il-Kummissjoni ppubblikat linjagwida ġdida dwar il-proċeduri tal-kontroll tal-kwalità għall-analiżi tar-residwu ta' pestiċidi<sup>(5)</sup>. Huwa miftiehem li dawn il-linjagwidi għandhom jitħaddmu kemm jista' jkun mil-laboratorji ta' l-analiżi ta' l-Istati Membri, u għandhom ikunu riveduti kontinwament fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba fil-programm ta' mmonitorjar.

(4) L-Artikolu 4(2)(a) tad-Direttiva 90/642/KEE u l-Artikolu 7(2)(a) tad-Direttiva 86/362/KEE jeħtieġu li l-Istati Membri jispjegaw fid-dettal il-kriterji mħaddma fit-tfassil tal-programmi nazzjonali tagħhom ta' mmonitorjar. Dan it-tagħrif għandu jkun fih: (i) il-kriterji mħaddma fit-twaqqif tan-numri ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u l-analiżi li għandha ssir, il-livelli ta' rappurtar applikati u l-kriterji li bihom il-livelli ta' rappurtar ġew stabbiliti; (ii) id-dettalji ta' l-akkreditazzjoni, taħt id-Direttiva tal-Kunsill 93/99/KEE tad-29 ta' Ottubru 1993 fuq is-suġġett ta' miżuri żejda, dwar il-kontroll uffiċjali tal-prodotti ta' l-ikel<sup>(6)</sup> li jkunu qed jagħmlu l-laboratorji li qed jagħmlu l-analiżi meħtieġa; u (iii) in-numru u l-għamla ta' ksur u l-azzjoni li tkun ittieħded.

(5) It-tagħrif fuq ir-riżultati tal-programmi ta' mmonitorjar huwa addattat l-aktar għat-trattament, il-ħażna u t-trasmissjoni b'metodi elettroniċi/informatiċi. Ġew żviluppati formati apposta għall-provvista ta' tagħrif bil-posta elektronika li l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom, għalhekk, jibagħtu r-rapporti tagħhom lill-Kummissjoni fil-format stabbilit. It-tkomplija ta' l-iżvilupp ta' dan il-format bażiku jkun l-aktar effettiv meta l-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-linjagwidi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 221, 07.08.86, p. 37.<sup>(2)</sup> ĠU L 324, 11.12.03, p. 24.<sup>(3)</sup> ĠU L 350, 14.12.90, p. 71.<sup>(4)</sup> Codex Alimentarius, residwi ta' pestiċida fil-prodotti ta' l-ikel, Ruma 1994, ISBN 92-5-203271-1; Vol. 2, paġna 372.<sup>(5)</sup> In-Numru tad-Dokument SANCO/10476/2003, [http://europa.eu.int/comm/food/fs/ph\\_ps/pest/index\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/food/fs/ph_ps/pest/index_en.htm)<sup>(6)</sup> ĠU L 290, 24.11.93, p. 14.

- (6) Il-miżuri li hemm f'din ir-rakkomandazzjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

HAWNHEKK QED TIRRAKKOMANDA:

1. L-Istati Membri huma mistiedna biex jieħdu u janlizzaw kampjuni għall-kumbinazzjonijiet ta' prodott/residwu ta' pestiċida stabbiliti fl-Anness I, fuq il-bażi tan-numru ta' kampjuni ta' kull prodott mogħti lilhom fl-Anness II, li jkunu jirriflettu, kif xieraq, is-sehem nazzjonali, Komunitarju u dak ta' terzi pajjiżi, fis-suq ta' l-Istat Membru.

Preferibbilment, għal pestiċidi li juru risjku akut, eż. OP-esters, endosulfan u N-methylcarbamates, il-kampjuni magħżula tal-prodotti: it-tuffieħ, it-tadam, il-ħass, il-kurra u l-qalba tal-kaboċċi, għandhom ikunu sottomessi wkoll għal analiżi individwali ta' l-unitajiet individwali fit-tieni kampjun tal-laboratorju, fil-każ li jinstabu dawn il-pestiċidi u l-aktar jekk dan ikun il-prodott ta' produttur wieħed. In-numru ta' l-unitajiet għandu jkun fi qbil mad-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE<sup>(1)</sup>.

Għandhom jittieħdu żewġ kampjuni. Jekk fl-ewwel kampjun tal-laboratorju jkun instab fdal ta' pestiċida li tkun fil-mira, l-unitajiet tat-tieni kampjun għandhom ikunu analizzati individwalment.

2. L-Istati Membri huma mistiedna biex, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu 2005, jirrapportaw ir-riżultati ta' l-analiżi tal-kampjun ittestjat għall-kumbinazzjonijiet ta' prodotti/residwu ta' pestiċidi li hemm stabbiliti fl-Anness I, waqt li juru:
- (a) il-metodi analitiċi li jkunu ntużaw u l-livelli ta' rrapportar li jkun inkiseb, fi qbil mal-proċeduri tal-kontroll tal-kwalità għall-analiżi tar-residwu ta' pestiċida;
  - (b) in-numru u l-għamla ta' ksur u l-azzjoni li tkun ittieħdet.

Ir-rapport għandu jkun f'format, inkluż il-format elettroniku, li jkun fi qbil mal-gwida<sup>(2)</sup> għall-Istati Membri dwar it-tħaddim tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-programmi kkoordinati ta' mmonitorjar tal-Komunità.

3. L-Istati Membri huma mistiedna biex jibagħtu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kollha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu 2005, it-tagħrif kollu meħtieġ bl-

Artikolu 7(3) tad-Direttiva 86/362/KEE u l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 90/642/KEE dwar l-eżerċizzju ta' mmonitorjar ta' l-2004, biex tkun żgurata, mill-inqas b'kampjun ta' verifika, il-konformità ma' l-ogħla livelli ta' residwu ta' pestiċida, li jinkludi:

- (a) ir-riżultati tal-programmi nazzjonali dwar ir-residwi tal-pestiċida;
  - (b) it-tagħrif fuq il-proċeduri tal-kontroll tal-kwalità tal-laboratorji tagħhom u, l-aktar, it-tagħrif dwar l-aspetti tal-linjigwida dwar il-proċeduri tal-kontroll tal-kwalità għall-analiżi tar-residwu ta' pestiċidi li dawn ma setgħux japplikaw jew li dwarhom kellhom problema biex japplikawhom;
  - (c) it-tagħrif fuq l-akkreditazzjoni, fi qbil mad-diżposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/99/KEE (inklużi t-tip ta' akkreditazzjoni, l-entità li taġġi l-akkreditazzjoni u kopja taċ-ċerifikat ta' l-akkreditazzjoni), tal-laboratorji li jagħmlu l-analiżi;
  - (d) it-tagħrif fuq it-testijiet ta' ħila u r-ring tests li fihom il-laboratorju jkun ħa sehem.
4. L-Istati Membri huma mistiedna biex, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2004, jibagħtu lill-Kummissjoni, il-programm nazzjonali maħsub għall-immmonitorjar ta' l-ogħla livelli ta' residwu ta' pestiċidi stabbiliti bid-Direttivi 90/642/KEE u 86/362/KEE għas-sena 2005, inkluż it-tagħrif fuq:
- (a) il-kriterji li ntużaw fit-twaqqif tan-numru tal-kampjuni li se jittieħdu u l-analiżi li għandha ssir;
  - (b) il-livelli ta' rrapportar u l-kriterji li bihom il-livelli ta' rrapportar ikunu twaqqfu; u
  - (c) id-dettalji ta' l-akkreditazzjoni, taħt id-Direttiva 93/99/KEE, tal-laboratorji li jkunu qed jagħmlu l-analiżi.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Janjar 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 187, 16.07.02, p. 30.

<sup>(2)</sup> Muri u meqjus kull sena fil-SCFCAH.

## L-ANNEX I

## Kumbinazzjonijiet ta' pestiċida/prodott li għandu jkun immonitorjat

Ir-Residwu ta' pestiċida li għandu jkun analizzat għal	Sena		
	2004	2005 (*)	2006 (*)
Acephate	(é)	(a)	(b)
Aldicarb	(é)	(a)	(b)
Azinphos-methyl	(é)	(a)	(b)
Azoxystrobin	(é)	(a)	(b)
Il-grupp Benomyl	(é)	(a)	(b)
Bromopropylate	(é)	(a)	(b)
Captan	(é)	(a)	(b)
Chlorothalonil	(é)	(a)	(b)
Chlorpyrifos	(é)	(a)	(b)
Chlorpyrifos-methyl	(é)	(a)	(b)
Cypermethrin	(é)	(a)	(b)
Cyprodinil	(é)	(a)	(b)
Deltamethrin	(é)	(a)	(b)
Diazinon	(é)	(a)	(b)
Dichlofluanid	(é)	(a)	(b)
Dicofol	(é)	(a)	(b)
Dimethoate	(é)	(a)	(b)
Diphenylamine (**)	(é)	(a)	(b)
Endosulfan	(é)	(a)	(b)
Fenhexamid	(é)	(a)	(b)
Folpet	(é)	(a)	(b)
Imazalil	(é)	(a)	(b)
Iprodione	(é)	(a)	(b)
Kresoxim-methyl	(é)	(a)	(b)
Lambda-cyhalothrin	(é)	(a)	(b)
Malathion	(é)	(a)	(b)
Il-grupp Maneb	(é)	(a)	(b)
Mecarbam	(é)	(a)	(b)
Methamidophos	(é)	(a)	(b)
Metalaxyl	(é)	(a)	(b)
Methidathion	(é)	(a)	(b)

Ir-Residwu ta' pestiċida li għandu jkun analizzat għal	Sena		
	2004	2005 (*)	2006 (*)
Methiocarb	(c)	(a)	(b)
Methomyl	(c)	(a)	(b)
Myclobutanil	(c)	(a)	(b)
Omethoate	(c)	(a)	(b)
Oxydemeton-methyl	(c)	(a)	(b)
Parathion	(c)	(a)	(b)
Permethrin	(c)	(a)	(b)
Phorate	(c)	(a)	(b)
Pirimiphos-methyl	(c)	(a)	(b)
Procymidone	(c)	(a)	(b)
Propyzamide	(c)	(a)	(b)
Spiroxamine	(c)	(a)	(b)
Thiabendazole	(c)	(a)	(b)
Tolyfluanid	(c)	(a)	(b)
Triazophos	(c)	(a)	(b)
Vinclozolin	(c)	(a)	(b)

(\*) Indikattiv għall-2005 u l-2006, bla ħsara għall-programmi li jkunu rakkomandati għal dawn is-snin

(\*\*) Id-Difenalamina għandha tkun analizzata fit-tuffiħ u l-laṅgas biss.

(c) Il-laṅgas, il-banana, il-fażola (friska jew iffriżata), il-patata, il-karrotti, il-larinġ/il-mandolin, il-ħawħ/in-nucipisk, l-ispinaċi (friska jew iffriżata).

(b) Il-pastard, il-bżar, il-qamħ, il-brinġiel, ir-ross, l-għeneb, il-ħjar, il-piżelli (friska/iffriżata, mingħajr fosdqa).

(a) It-tuffiħ, it-tadam, il-ħass, il-frawli, il-kurrat, il-meraq tal-larinġ, il-qalba tal-kaboċċa, segala/ħafur.

## L-ANNEX I

**Kombinazzjonijiet ta' pestiċida/prodott li għandu jkun immonitorjat**

Il-Kodiċi tal-Pajjiż	Kampjuni	Il-Kodiċi tal-Pajjiż	Kampjuni
A	12	IRL	12
B	12	L	12
CY	12	LT	12
CZ	12	LV	12
D	93	MT	12
DK	12	NL	17
E	45	P	12
EE	12	PL	45
EL	12	S	12
F	66	SI	12
FIN	12	SK	12
HU	12	UK	66
GH	65		

Numru totali ta' kampjuni: 613